# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Pulizija

(Spettur Charlotte Curmi)

Vs

Christopher Ellul

Illum 30 ta' Settembru, 2024

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijet fil-konfront ta'Christopher Ellul, iben Carmelo u Giovanna nee Camilleri, imwieled fi-05/02/1981, ID 117681M u joqghod Blk 4, flt 1, Triq L-insolja, San Pawl il-Bahar.

8, Triq ta` Tavlin, Sqaq nru 1, Zejtun.

Billi int akkuzat talli fil-15 ta' Dicembru, 2022 ghall-habta ta' 09.15 hrs fi Triq it-Tamar San Pawl il-Bahar soqt vettura b'numru ta' registrazzjoni BCU 618;

1. U b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkagunajt offiza gravi fuq il-persuna ta` Mustafa Almaloul minghajr il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-

Ligijiet ta` Malta skond kif iccertifika Dr S. Shelly M.D. mill-MDH Kap 9. Art 226 (1) (b).

Il-Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikat/a mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minhabba li tinfliggi il-piena skont il-ligi, tnaqqas il-punti mill-licenzji tas-sewqan hekk kif stabbilit mill-L.S. 65.18 Art 36B u fil-65.18 Sitt Skeda.

Il-Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikat/a mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan.

Il-Qorti mitluba li f'kaz ta' htija minhabba li tinfliggi il-piena skont il-ligi, tnaqqas il-punti mill-licenzji tas-sewqan hekk kif stabbilit mill-L.S. 65.18 Art 36B u fil-65.18 Sitt Skeda.

Rat l-artikolu Artikolu 226 (1) (b) tal- Kap 9 -L.S. 65.18 Art 36B u fil-65.18 Sitt Skeda.tal-Ligijiet ta' Malta

Semghet ix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

L-imputat ghazel li ma jixhidx.

Rat l-atti kollha u x-xhieda u dokumentazzjoni kollha prodotta.

Semghet it-trattazjoni.

**Ikkunsidrat**

**PS 949 M Calleja** xehed permezz ta' affidavit

**Dr S Kelly** xehed permezz ta' affidavit

**<u>Mustafa Almaloul,xehed hekk:</u>**

Pros: Mela inti rrapportajt xi ħaġa lill-pulizija?

Xhud: Jien rapport ma għamiltx.

Pros: Ġara xi ħaġa inti?

Xhud: Kelli accident.

Pros: Spjega lill-Qorti kif ġara u meta u fejn?

Xhud: Kont qed naħdem il-proġett jismu il-Qawra Palace il-Qawra San Pawl il-Baħar fi triq it-Tamar ħriġt mill-bieb, fil 15 ta' Diċembru naħseb sakemm niftakar ma niftakarx bl-ezatt.

Qorti: Ta` liema sena?

Xhud: 2022, kif hriġt mill-bieb kien ġej trakk u taghjjarni.

Pros: Bejn wieħed u ieħor fi x'ħin kien?

Xhud: Qisu kemm naħseb niftakar filgħodu jew sakemm niftakar filgħodu.

Qorti: Inti ilhaqt qsamt it-triq jew kont għadek kif inżilt il-bankina?

Xhud: Għadni kif ħa noħroġ mill-bieb.

Qorti: Jiġifieri il-bieb qiegħed mat-triq bla bankini?

Xhud: Ezatt il-bieb qiegħed ma' triq bla bankina.

Pros: Hemm l-iskitts jekk jogħġbok nista nagħmel referenza għalih, spjega wahda il-Qorti jekk jogghbok mill-liem naha qsamt u fejn kien it-trakk li semmejtilna?

Xhud: Ma nistax nifhimha dil-pjanta.

Qorti: Hemm l-ismijiet tat-toroq sinjur,

Xhud: Ijja din triq it-Tamar,

Pros: U din hawn Construction site miktub u hawnekk hawn it-trakk sewwa igifieri inti kont? Inti kemm il-darba hdimt hemmekk?

Xhud: Hdimt hemmekk.

Pros: Ghandek idea tat-triq kif inhi?

Xhud: Għandi idea it triq kif inhi issa li l-proġett kien imdawwar bi blajjet tal-konkos orrajt u fih jiġifieri inti meta ħa toħroġ minn dawk il-bieb inti ma tistax tara min ġej u min.

Qorti: Igifieir iinti hrigt minn fost il-konkos u laqtek?

Xhud: Ezatt ghax jien kif tohorg mil-bieb m`hemmx bankina kif tohorg mil-bieb inti waslt got-triq u qabel ma tohrog ma tistax tara jekk hux gej trakk jew le ghax imdawwar bil-blajjet tal-konkos mal-progett. Inti kif tohorg rasek triq.

Qorti: Jigifieri inti kont litteralment fiġġejt u laqqtek?

Xhud: Ezatt.

Avu: Għandi ritratt hekk hu fil fatt.

Qorti: Le he`s very self-explanatory.

Pros: Konsegwenza ta' dan l-inċident x'ġaralek kemm domt inti l-isptar?

Xhud: Domt jumejn.

Pros: U kemm domt biex ergajt mort lura ghax–xoghol?

Xhud: Domt hafna domt xi 7 xhur.

Pros: Issa tiftakar dak il-vann min kien qiegħed isuqu?

Xhud: Dar-ragel li hemm hemm.

Qorti: Ix-Xhud indika l-imputat.

Pros: Liema naħa tat-triq inti kont meta ġara l-inċident?

Qorti: Hu kien ċar ħafna fix-xhieda tiegħu ta' Spettur hu qal bil-kemm ħareġ mill-bieb għax hu la ma seta' jara x'inhu għaddej,

Avu: Mhux qed jigdeb għax hekk ġara.

Qorti: Problem that the construction site was a dangerous one. Il-construction site mhux, Hemm problema prossima il-construction site hu kien very very onest fil x`jismu tiegħu.

Pros: Meta tkun fil-construction site inti tilbes xi ħaġa sinjur?

Xhud: Mela kont liebes il-hwejjeg tas-safety u zarbun tas-safety suppost.

Pros: Mhux suppost meta qsamt x`kellek hwejjeg fuqek?

Xhud: Hwejjeg normali.

Pros: M`ghandix iktar mistoqsijiet.

Avu: KOntro ezami, int spiċċajt taħt il-vettura? Spiċċajt taħt il-vann? Jew ma niftakarx?

Xhud: Ma nafx imma ma niftakarx.

Avu: Xejn iktar mix-xhud.

**Mario West** xehed hekk:

Pros: Sur West rajt xi ħaġa inti?

Xhud: Rajt għadu għaddej bix-xogħol hemmhekk ħdejhom stess.

Pros: Imma inti x'inhu xogħolok?

Xhud: Bir-Redimix xufier.

Pros: Orrajt tiftakar meta it-triq meta kien u fejn kien eżatt?

Xhud: Wara Suncrest Qawra.

Pros: Meta tiftakar meta?

Xhud: Ma nafx ghax ilu naqra.

Pros: Jiġifieri inti kont ir-Redimix?

Xhud: Kont bir-Redimix jiena.

Pros: Kont fit-triq inti hex hekk?

Xhud: Kont hemmhekk ipparkjaw hemm qed ihottu il-konkos

Pros: Ħa nurik naqa l-skizz, inti is-soltu tkun hemm jew darba fil kont hemmekk.

Xhud: Darba fill meta jaghtuna l-konkos.

Pros: L-area tafha hemmekk jew le?

Xhdu: Wara Suncrest il-Qawra Palace.

Pros: It-trakk u l-inċident spjegalna fejn rajtu?

Xhud: It-trakk kien fuq dik in-naha tas-site taghna mhux in-naha tas-site taghhom, issa l-iehor kien hiereg minn gol-gate tan-naha taghhom ta` faccata taghna u kien gej triqtu uu.

Pros: Taħseb tiftakar liem kien naha gej jew le?

Xhud: Jien naf li kont ipparkjat fuq in-naha taghna.

Avu; In ti kont ipparkjat in-naha l-ohra tal-bieb?

Xhud: Faccata taghhom tas-site faccata fejn hemm il-bieb?

Xhud: Iwa.

Pros: U x`rajt inti x`rajt?

Xhud: Rajt il-vann jżomm il-brejk u kien ħiereġ wieħed minn gol-gate mhux tan-naħa tagħna ta' faċċata tagħna minn hemm kin ħiereġ.

Pros: U min kien qed isuqu il-vann.

Xhud: Ma nafx min hu raġel.

Pros: Jekk tħares ġo l-awla tarfu jew le?

Xhud: Ilu naqra dan hu.

Qorti: Ix-xhud indika lil imputat.

Pros: M`ghandix iktar mistoqsijiet.

Avu: Sinjur it-trakk tiegħek nghid sew illi kien jaghlaq parti kbira mit-triq?

Xhud: Le le kienu jghaddu sewwa il-karozzi.

Avu: Il-persuna li ħarġet ngħid sew li minn fejn ħareġ m'hemmx ma kienx hemm bankina dak iż-żmien?

Xhud: Le le.

Avu: Kien hemm biss il-barriers tal-konkos biex tagħlaq is-site naqblu?

Xhud: Bankini ma kienx hemm.

Qorti: Jiġifieri fit-triq kien hemm int u dan il-vann għadda minn ħdejk għax ovvjament ma setghax ghadda minn fuqek hux hekk?

Xhud: Daqsekk hekk hu.

Avu: U jekk fhimtek sew hareġ il-persuna li ntlaqtet u kif ħareġ intlaqat?

Xhud: Iva mal-ewwel f'wiċċu.

Avu: Xejn aktar mix-xhud.

**<u>Abdulsattar Al Mohammed,</u>** xehed hekk:

Pros: Inti rajt xi ħaġa sinjur u għaddejt il bl-informazzjoni li l pulizija?

Xhud: Iwa.

Pros: Ghidilna meta u fejn? Il-Qawra imma triq u hekk ma nafx eżatt l`ismijiet.

Pros: Fejn kontu qed taħdmu intom?

Xhud: Jiena ma kontx naf li min ikun ġej u quddiem u rajt billi ġara aççident ma nafx min hu fl-ewwel. Xi ħadd ħareġ u ħabat mal-karozza il-karozza kienet miexja.

Qorti: Il-karozza li kienet miexja maġenbha kien hemm xi xi trakk jew xi ħaġa sinjur?

Xhud: Minn minn hawn minn fejn ġara l-aççident m'hemmx imma min-naħa l-oħra kellna xi trakk iniżżel il-bricks.

Qorti: Jiġifieri dan il-vann ma setax jgħaddi minn hemm bilfors irid imur in-naħa l-oħra?

Xhud: Iwa ma setghax ghax fin-naha l-ohra kien hemm vann inizzel xi bricks.

Qorti: U inti l-inċident rajtu?

Xhud: Iva rajtu.

Qorti: U inti qed tgħidli li ħareġ xi ħadd huma l-ewwel Laqtu xi ħaġa hekk?

Xhud: Hareġ minn din il-bieba u laqtu u meta kien sejjer il-vann ghamel il-hħabta dawritu u ġie rasu ghar-rokna tal-konkrit fejn ix-xogħol tiegħu.

Pros: Kif kien dat-trakk li ħabat miegħu dan ir-raġel kif kien qiegħed isuq?

Xhud: Ma nafx jien rajt meta ġara l-ħabta ezatt.

Pros: M`ghandix iktar mistoqsijiet.

**<u>Anthony Emanuel Grech,</u>** xehed hekk **<u>:</u>**

Xhud: Iva nahlef, Sur Grech rajt xi ħaġa inti għaddejt l-informazzjoni lill-pulizija?

Xhud: Jiena kont ipparkjat bi trakk in-naħa l-oħra?

Xhdu: Il-lokalità, il-ħin u d-data tina?

Xhdu: Ifhimni d-data ma nafiex ghax issa ilu naqra ghax aħna mmorru bix-xogħol u triq ma nafx x`jisimgħa aħna kemm imorru fuq is-site tagħna bix-xogħol.

Pros: Il-Lokalità taf fejn imma?

Xhud: Il-Qawra.

Pros: Fuqiex kontu qed tahdmu intom?

Xhud: Fuq il-blokka bini tal-GAP imma t-triq ma nafx x`jisimha.

Pros: X`rajt?

Xhud: Ifhimni jien kont qed inhott il-brikks man-naha bil-kontra li taghjjar il-bniedem kont jien u ġie vann l-ieħor ħareġ minn ġa minn ġol-bieb u taħ id-daqqa.

Pros: Issa l-vann taf min kien qed isuqu?

Xhud: Lilu ma nafux personali fhimt.

Pros: Jekk qed ngħidlek tħares hawnhekk qed tara l-xi ħadd li dakinhar kien qiegħed hemm jew le?

Xhud: Dak ix-xufier li qieghed hawnekk u dak li tah id-daqqa.

Qorti: Ix-xhud indika lil imputat u l-parte civile.

Pros: Id-daqqa dak is-sinjur hadha kif kien wasal fit-triq kien qieghed fit-triq kien wasal fil-bidu fl-ahhar fin-nofs spjegalna daqxejn ma konniex hemm?

Xhud: Le hu hareg minn gol x`jismu u l-vann kien gej u tah id-daqqa u tar uu habat rasu mal-koxxa il-bqija ma rajt xejn iktar  ghax umabghad waqa` ma l-art u ma rajt xejn iktar.

Qorti: Malli ħareġ laqqtu jigifieri?

Xhud: Mela malli hareg laqqtu.

Pros: M'għandix iktar mistoqsijiet.

Avu: Ha nifhem sew int kont pparkjat in-naħa l-oħra tat-triq?

Xhud: In-naħa l-oħra tat-triq ghax jien kont fuq il- karru għax jiena kont qed iħott il-briks allura peress li nohotlu nofsu imbagħad irrid nitla' fuq il-karru.

Avu: IL-persuna li ttajret kienet taħdem ġo site oħra faccata qed taqbel?

Xhud: Iva m`ghandiex x`taqsam mal-binja taghna.

Avu: Issa mela dik is-site kienet magħluqa bil-barriers kbar tal-konkos naqblu?

Xhud: Iva ehe.

Avu: Bankina ma kienx hemm naqblu?

Xhud: Le ma kienx hemm bankina kien hemm gate li jidħlu u joħorġu minnu hu.

Avu: Jiġifieri biex inkun ċert li fhimtek sew kif ħareġ il-persuna li weġgħat sab il-vann?

Xhud: Sab il-vann.

Avu: U l-vann filfatt hu spiċċa mal-ġenb tal-vann nablu?

Xhud: Mela imma ghax habat mal-koxxa tal-konkos.

Avu: Jiġifieri letteralment hu lanqas gie quddiem il- vann kien mal ġenb tal-vann igifieri kif habat umbagahd ?

Xhud: Giq bejn il-vann u l-koxxa tal-konkos.

Avu: Xejn iktar. Tal konkos.

**Ikkunsidrat**

Jirizulta mixx-xhieda kollha li Mustafa Almaloul intlaqat malli hareg minn go *construction site* u bhekk ikkreja emergenza subitaneja li s-sewwieq ma kellhux l-opportunita li jevita l-incident u bhekk mhux hati ta' l-akkuza dedotta kontrih .

**Decide**

Ghal dawn il-motivi u wara li Rat l-artikolu Artikolu 226 (1) (b) tal-Kap 9 L.S. 65.18 Art 36B u fil-65.18 Sitt Skeda.tal-Ligijiet ta' Malta

ma ssibx lil Christopher Ellul hati ta' l-imputazzjonji migjuba kontrih u tilliberah minn kull htija u piena.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**